V

(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1227/2009

tal-15 ta' Diċembru 2009

li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1859/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Uzbekistan

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2007/734/PESK tas-13 ta' Novembru 2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan [1] kif emendata u estiża mill-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/843/PESK [2],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1859/2005 tal-14 ta' Novembru 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tal-Uzbekistan [3] jipprojbixxi l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn l-Uzbekistan ta' tagħmir li jkun jista' jintuża għal ripressjoni interna u l-provvediment ta' ċertu finanzjament, assistenza finanzjarja jew assistenza teknika lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Uzbekistan, jew għall-użu hemmhekk.

(2) Fis-27 ta' Ottubru 2009, il-Kunsill ikkonkluda li l-miżuri restrittivi kontra l-Uzbekistan kif previsti fil-Pożizzjoni Komuni 2007/734/PESK kif emendata u estiża bil-Pożizzjoni Komuni 2008/843/PESK, m'għandhomx jiġu estiżi wara d-data ta' skadenza fit-13 ta' Novembru 2009.

(3) Għalhekk, huwa adatt li jitħassar ir-Regolament (KE) Nru 1859/2005 b'effett mid-data ta' skadenza tal-miżuri restrittivi kif stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni 2007/734/PESK,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1859/2005 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-14 ta' Novembru 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-15 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
E. ERLANDSSON

---

[1] ĠU L 295, 14.11.2007, p. 34.
[2] ĠU L 300, 11.11.2008, p.55.
[3] ĠU L 299, 16.11.2005, p. 23.